

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/847**tal-15 ta' Mejju 2019****dwar il-proposta għal inizzjattiva taċ-ċittadini bl-isem “Insalvaw in-naħal! Il-ħarsien tal-bijodiversità u t-titjib tal-habitats għall-insetti fl-Ewropa”***(notifikata bid-dokument C(2019) 3800)***(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizzjattiva taċ-ċittadini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Is-suġġett tal-proposta għal inizzjattiva taċ-ċittadini bl-isem “Insalvaw in-naħal! Il-ħarsien tal-bijodiversità u t-titjib tal-habitats għall-insetti fl-Ewropa” jirreferi għal dan li ġej: “L-insetti neħtiġuhom għall-ekosistemi tagħna u biex niżguraw is-sigurtà alimentari. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta leġislazzjoni li tħares u ttejjeb il-habitats għall-insetti bħala indikaturi ta' ambjent b'saħħtu”.
- (2) L-għanijiet tal-proposta għal inizzjattiva taċ-ċittadini jirreferu għal dan li ġej: “Biex intejbu l-bażi naturali għall-ħajja b'mod evidenti nappellaw għal miri obbligatorji: biex il-promozzjoni tal-bijodiversità ssir għan ġenerali tal-PAK; biex jinqatal-użu tal-pestiċidi, jiġu pprojbiti pestiċidi dannużi mingħajr eċċezzjoni u ssir riforma tal-kriterji ta' eliġibbiltà; biex issir il-promozzjoni tad-diversità strutturali fil-pajsaġġi agrikoli; biex in-nutrijenti jitnaqqsu b'mod effettiv (pereż. Natura 2000); biex jinħolqu żoni ta' konservazzjoni b'mod effettiv (pereż. id-DQI); biex jiġu intensifikati r-riċerka u l-monitoraġġ u tissaħħaħ l-edukazzjoni.”
- (3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) isaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej.
- (4) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizzjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizzjattiva taċ-ċittadini, sabiex tiġi mħeġġa l-parteċi-pazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir iktar aċċessibbli.
- (5) Jistgħu jiġu adottati atti ġuridiċi tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati:
 - għall-ħolqien tal-organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u d-dispożizzjonijiet l-oħra meħtieġa għat-tweqq tal-għanijiet tal-politika agrikola komuni, abbażi tal-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);
 - għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li jkollhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE;
 - għall-miżuri fl-oqsma veterinarji u fitosanitarji li l-għan dirett tagħhom ikun il-ħarsien tas-saħħa pubblika, abbażi tal-Artikolu 168(4)(b) TFUE;
 - għall-adozzjoni tal-programm qafas pluriennali li jstabbilixxi l-attivitajiet kollha tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, abbażi tal-Artikolu 182(1) tat-TFUE;
 - għal azzjoni li tkun trid tittieħed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-preservazzjoni, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u ta' użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, aqra flimkien mal-Artikolu 191(1), l-ewwel u t-tielet inċiżi tat-TFUE.
- (6) Għal dawn ir-raġunijiet, il-proposta ta' inizzjattiva taċ-ċittadini ma taqax manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, b'konformità mal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 65, 11.3.2011, p. 1.

- (7) Barra minn hekk, il-kumitat taċ-ċittadini ġie ffurmat u l-persuni ta' kuntatt inħatru skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, u l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta la tidher li hija manifestament abbużiva, fiergħa jew vessatorja, u lanqas ma tidher li tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE.
- (8) Għaldaqstant il-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Insalvaw in-naħal! Il-ħarsien tal-bijodiversità u t-titjib tal-ħabitats għall-insetti fl-Ewropa" jenħtieġ li tiġi rreġistrata.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Insalvaw in-naħal! Il-ħarsien tal-bijodiversità u t-titjib tal-ħabitats għall-insetti fl-Ewropa" hija rreġistrata b'dan.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Mejju 2019.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini bl-isem "Insalvaw in-naħal! Il-ħarsien tal-bijodiversità u t-titjib tal-ħabitats għall-insetti fl-Ewropa", irrappreżentati mis-Sinjura Manuela RIPA u s-Sinjura Clara BORASIO, li huma l-persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2019.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
L-Ewwel Viċi President
